MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 165/2012

Appell Numru: 165/2012

Il-Pulizija

Vs

Simon Zammit

Illum, 27 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Simon Zammit, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 140367M talli:

Nhar id-9 ta’ Marzu, 2002, u/jew fil-granet ta’ qabel u dawk ta’ wara, f’Birkirkara u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elf lira bi hsara ta’ Isabelle, Ramon, u Robert Godano, u Simon Dalton u Phylisienne Debono, u diversi persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma li teccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), ghad-detriment ta’ Isabelle, Ramon, u Roberta Godano, u Simon Dalton u Phylisienne Debono, u diversi persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxiehom jew ibieghhom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fid-dati 19 ta’ Ottubru 1988 u 24 ta’ Jannar, 2002.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu, 2012, fejn il-Qorti sabet lill-appellant hati taht l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In kwantu ghas-sentenza esebita, sabithu hati ukoll taht l-Artikoli 49 u 50 tal-imsemmi Kapitolu.

Kif ukoll in kwantu li tali reati saru dejjem b'risoluzzjoni wahda, tapplika ukoll l-Artikolu 18 ta' l-imsemmi Kapitolu;

Illiberatu mill-akkuzi tar-ricettazzjoni taht l-Artikou 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tat-television sekwestrat in kwantu dan ma jirrizultax.

Dwar i-piena, rat li l-imputat qatt ma wasal biex jibda almenu jirrifondi mill-flus minnu mehuda.

Ma tantx ghandha xi tghid izjed fuq il-piena, hlief illi tqies li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja effettiva u ghalhekk ikkunadannatu ghal piena ta' prigunerija ghal zmien 3 snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Simon Zammit pprezentat fit-28 ta' Marzu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi flwaqt li tikkonfermaha fil-parti taghha fejn iddikjarat lill-esponenti mhux hati ta' ricettazzjoni taht l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ghar-rigward tal-artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 50, 49 u 18 u konsegwentement minnhom tilliberah, u fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tikkonferma l-htija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi in succint huma s-segwenti:

A. Id-data

Illi l-pern tal-akkuza ddur mad-data tad-9 ta' Marzu, 2002. Illi analizi tax-xhieda migbura ma jindikawx din id-data.

Illi galadarba hija l-prosekuzzjoni li takkuza, u hija l-prosekuzzjoni li taghzel meta sehh l-allegat agir kriminli, l-Kodici Kriminali jimponi obbligu fuq l-istess, li trid mhux biss tipprova l-elementi kollha tar-reat, izda b'mod partikolari li dak il-ksur tal-ligi jsehh fil-jum tal-akkuza.

Fil-kaz odjern dan ma sehhx.

B. Il-frodi u l-misappropjrjazzjoni
Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, huwa palesi li kemm il-mens rea u anke l-actus reus huwa differenti bejn id-delitti ta' frodi hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 308 u 309 u l-approprjazzjoni indebita hekk kif imsemmija fl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Sabiex wiehed ikun preciz hemm differenza ukoll bejn il-frodi a tenur tal-artikolu 308 u l-artikolu 309.

Li ma huwiex ikkontestat huwa li fil-kaz odjern, f'kaz ta' sejbien ta' htija l-artikolu 310 tal-Kodici Kriminali, in kwantu l-ammont jeccedi l-ekwivalenti ta' elf lira Maltija huwa applikabbli.

Ghal kwantu l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet 'il-Pulizija vs Dr Stepehn Borg Cole' deciza nhar it-23 ta' Dicembru, 2003, spjegat fid-dettal, x'inhum l-elementi tad-dolo rikjesti.

Minghajr pregudizzju, wiehed facilment jistaċ jargumenta li, f'dan il-kaz tenut kont tal-fatt li l-es0ponenti, beda jahdem ix-xoghol imqabbad lilu in segwitu li gew iffirmati l-kuntratti ta' appalt relattivi, certament hawn ma kienx kaz ta' xi grajja kimerika, jew xort' ohra.

Donnu jidher li l-uniku raguni li l-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati a tenur tal-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, il-ghaliex l-Ewwel Qorti fehmet li s-socjetajiet Turnkey kienu fittizji. A bazi ta' xhied l-Ewwel Qorti apprezzat il-provi migjuba b'dan il-mod ma huwiex mifhum u legittimament u ragjonevolment, l-esponenti jikkontendi li qatt ma setghu l-provi jkunu hekk mgharbla.

Li s-socjetajiet tal-esponenti ma humix fittizji, jemergi mhux biss mill-fatt li l-kuntratti juru kif verament l-esponenti kellu dawk is-socjetajiet verament registrati mal-MFSA, izda wkoll, dan il-fatt huwa kkonfermat mill-Ispettur Investigattiv, fix-xhied teighu u anke mill-istqarrija li huwa ha lill-esponenti.

Mhux biss hawn non si tratta ta' frodi nominat, izda lanqas ma huwa frodi innominat, in pessima ipotezi hawn ghandna kaz ta' appropjazzjoni bla jedd, aggravat a tenur tal-artikoli 310 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-prosekuzzjoni dejjem kellha f'mohha li l-imputazzjonijiet a tenur tal-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, huma alternattivi ghall-imputazzjoni a tenur tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett u dan minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, li l-esponenti semmai kellu jinsab hati a tenur tal-artikoli 293 u 310 tal-Kodici Kriminali biss.

C. L-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, u marbut intimament mat-tieni aggravju, jmiss aggravju dwar l-applikabbilita tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

L-ewwel Onorabbli Qorti, ghazlet li ticcita l-artikoli hekk kif mibghuta mill-Avukat Generali, serjatim. Harsa lejn tali artikoli hekk kif iccitati mill-Avukat Generali turi kif, l-istess Avukat Generali, rabat mal-artikoli 308 u 309 l-artikolu 18. Ma ghamilx l-istess mal-artikoli 293 u 294.

Ghaldaqstant fl-eventwalita li t-tieni aggravju jkun milqugh minn din il-Qorti, l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ma jistax ikun applikat fid-dawl tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

L-artikoli hekk kif mibghuta mill-Avukat Generali huma sagrosanti u delikati daqs l-Att t' Akkuza mahrug mill-istess Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali, u huma dawn l-artikoli li jirregolaw sa dak l-istadju l-allegat ghemil tal-imputat liema ligi jkun kiser.

D. Il-Piena

Illi tenut kont tac-cirkostanzi ikollha tal-kaz partikolari, fid-dawl tar-rapport maghmul mill-Perit Arkitett mahtur mil-Qorti tal-Magistrati, l-esponenti jemmen li l-piena nflitta kienet wisq oneruza fuqu, b'dana illi piena ta' prigunerija effettiva ser twassal sabiex l-impjieg li l-esponenti ghandu, zgur ser jitilbfu u ghaldaqstant mhux ser ikun jista jhallas lill-allegati vittmi ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn l-elfejn u wiehed (2001) u l-elfejn u tlieta (2003) l-appellant kien qed jippresta ruhu bhala kuntrattur biex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni jew rinovazzjoni ta' fondi taht il-kappa ta' tlett kumpaniji, S & A Constructions Limited, Island Constructions kif ukoll ITCP. Tramite l-avvizi li kien igib fuq il-gazzetti bdew jikkuntattjawh in-nies ghax-xoghol; jaghmel ftehim bil-miktub u jiehu depozitu. Ix-xoghol jew ma jsirx jew inkella jinbeda u ma jitkompliex u dak li jsir ma kienx skont l-arti u s-sengha bil-konsegwenza illi l-klijenti tieghu kien ikollhom ihallsu doppju ghax-xoghol hazin illi ghamel l-appellant. Il-modus operandi tal-appellant kien dejjem l-istess u cioé illi jinsisti illi mal-ftehim isir depozitu, itihom terminu ta' zmien meta ghandu jsir ix-xoghol, dan it-terminu ma jigix osservat fejn imbaghad jaghmilha difficili ghall-klijenti tieghu biex jikkuntattjawh sakemm fl-ahhar jisparixxi u ma jsibuhx aktar. Kien ghalhekk illi xi uhud mill-klijenti tieghu ghamlu rapport lill-pulizija illi bdew jinvestigaw lill-appellant u rrizultaw f'dawn l-akkuzi. B'sentenza tal-hmistax (15) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu barra dak ta' ricettazzjoni u ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Wahda mill-aggravji tieghu tikkoncerna d-data kif murija fl-akkuza li ssemmi biss id-data disgha (9) ta' Marzu tal-elfejn u tnejn (2002) u peress illi l-kuntratti illi ghamel l-appellant kif il-ftehim maghmula jkopru dati differenti, kwindi l-akkuzi ma setghux iriggu. It-tieni nett ma kienx hemm frodi u lanqas misapproprjazzjoni peress illi l-kumpaniji illi kellu huma debitament registrati mal-MFSA u l-flus illi ha kien juzahom ghall-iskop illi kienu intizi, jibda x-xoghol ghad illi minhabba certi cirkostanzi ma kienx f'pozizzjoni illi jispicca dak l-istess xoghol li kien ikkuntratta ghalih. L-appellant jikkonferma illi x-xoghol ma kienx jispiccah, però dan ma kienx tort tieghu izda kien

sforza certa cirkostanzi illi gaghluh jaghmel dan, izda zgur li mhux il-hsieb illi huwa jiddefroda jew juza l-flus moghtija lilu ghal skopijiet oltre dak illi kienu destinati ghalihom.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda d-data, il-Qorti tirrileva illi l-akkuza issemmi data partikolari izda ukoll granet ta' qabel u wara dik id-data. Vera illi l-akkuza messha kienet aktar cara fid-data però jibqa' l-fatt illi f'Marzu tal-elfejn u tnejn (2002) l-appellant dahal f'diversi ftehim ma' nies differenti sabiex jakkwista xoghol minghandhom u ippresta kumpaniji b'origini suspetta sabiex jikkonvinci lil dak li jkun illi jista' jaghmel ix-xoghol pattwit u b'hekk ihallsu d-depoziti. L-agir tal-appellant ma kienx xi kaz izolat biex forsi jista' jibbenefika minn dak illi s-sentenza ikkwotata "Il-Pulizija versus Dottor Stephen Borg Cole" deciza fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tal-elfejn u tlieta (2003), izda kien agir sistemat u organizzat fil-konfront ta' diversi persuni biex dawn jigu moghtija x'jifhmu illi l-appellant kien f'pozizzjoni jwettaq xi xoghlijiet kif kien miftiehem bejniethom. Il-fatt hu illi l-appellant meta dahal ghal dawn il-ftehim fi zminijiet indikati kien jaf illi ma kienx f'pozizzjoni illi jwettaq dak pattwit. Mhux hekk biss, x-xoghol illi ghamel kien tant hazin illi kellu jsir kollox mill-gdid. Mary Rose Camilleri, perezempju, xehedet illi kellha tiftah kawza civili sabiex tirkupra l-flus illi kienet hallset ghal xoghol hazin illi ghamel l-appellant li wasslet lill-Qorti tal-Magistrati tiddikjara "ma tridx tkun xi perit biex tirrealizza d-dizastru li halla warajh il-konvenut ...". Din hija tipika tal-lanjanza tal-kwerelanti kollha illi xehedu f'dan il-kaz. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument il-kumpaniji msemmija ma kinux fittizzji, l-appellant xorta uzahom bhala front biex juri serjetà fl-operat tieghu u n-nies jkunu aktar konvinti sabiex jirrilaxxaw il-flus favur l-appellant. Darba dan avvera ruhu, l-appellant imbaghad ma uzax il-flus ghal skop illi suppost kienu destinati ghalih. Il-flus illi rcieva l-appellant suppost kellu juzahom sabiex iwettaq xoghol komplut kif pattwit mal-klijenti tieghu. Dan qatt ma sar u l-ammonti ta' flus illi rcieva qatt ma uzahom sabiex jispicca x-xoghlijiet li jkun miftiehem man-nies. X'ghamel bihom hija irrilevanti; l-importanti huwa illi dawn il-flus ma gewx uzati ghall-iskop illi kienu intizi li jigu uzati. Dan ipoggi lill-appellant nettament taht ic-censura tal-artikolu 293, approprijazzjoni bla jedd, kif ukoll taht l-artikolu 309 li jirrigwarda kazijiet ohra ta' qligh b'qerq.

Ghalhekk din il-Qorti ssib li ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, irrizulta illi din hija fil-parametri tal-ligi u hawn ukoll il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------